Minuti tal-Laqgħa Nru. 13 tal-Kumitat Amministrattiv ta’ Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 29 ta’ Settembru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt<br>Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Raymond Ellul |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. John Schembri (Sindku) |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Korrispondenza
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Borg semma li għalkemm saru diversi emfażi fuq il-bżonn li jkun hemm aktar infurzar minħabba ksur ta regolamenti tat-traffiku, xorta waħda għadu jkun hemm problemi, bħal nies li qed jipparkjaw bl exhaust pipe il-ġewwa.

2.2 Is-Sur. Borg semma wkoll li qed ikun hemm anki karozzi li qed jipparkjaw fil-kaxxi sofor li saru apposta quddiem il-binjiet biex ma jipparkjawx residenti quddiem l-entraturi.

## 3. XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sindku semma biex jiġu assenjati xi ħaddiema biex jaraw l-bżonnijiet ta' Ħal Farruġ. Huwa semma li Triq Wied in-Noqor għandha titkompla bħala tindif u qtugħ ta ħaxix u dan jistgħu jagħmluh il-haddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill.

3.2 Is-Sur. Ellul semma li fil-bidu tal-Kumitat Amministrattiv kien issemma li kellu jsir non slip tape fit-taraġ fejn hemm il-Housing Estate ta' Ħal Farruġ. Huwa qal li dan s' issa għadu ma tpoġġiex.

3.3 Is-Segretarju wieġeb li dan se jsir bħala parti mill-proġett li se jkun iffinanzjat mill-Awtorita tad-Djar. Huwa semma li fil-proġett hemm imniżżel biex isiru railings tat-taraġ ukoll.

3.4 Is-Sur. Ellul semma wkoll li hemm kaptell fejn hemm il-water culverts li maġenbu hemm hemm xi toqob li tħaffru biex dawn jerġgħu jitgħattew bil-konkos. Is-Segretarju wieġeb li se jkun qed jara fuq dawn.

3.5 Is-Sur. Ellul saqsa meta se jinbeda ix-xogħol ta resurfacing fuq Triq il-Vitorja. Is-Sur. Saliba wieġeb li fuq din it-triq kien diġa inbeda x-xogħol fuq is-servizzi tal-ilma.

3.6 Is-Sur. Saliba saqsa jekk tistax titneħħa id-dawra li hemm fil-bidu qabel ma wieħed jidħol għal Triq Wied in-Noqor. Rigward Triq Wied in-Noqor kien hemm ukoll mistoqsija jekk tistax tiġi resurfaced parti minnha.

3.7 Is-Sindku wieġeb li fuq din jista jintuża parti mit-tarmac li hemm allokat għal Triq il-Vitorja

3.8 Is-Sindku wieġeb li fuq din jista' jiġi kkuntattjat id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex din l-art tinfetaħ u titwessa t-triq bħala parti mix-xogħol.

3.9 Is-Sur. Calleja semma li faċċata ta fejn joqgħod huwa hemm xi pellets u imbarazz ieħor li hemm bżonn li jitneħħa.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sur. Borg semma meta se ssir l-iskip li kienet proposta għal Triq Wied in-Noqor. Huwa semma li din l-iskip hemm bżonnha anki peress li kien hemm diversi nies li qed isibu problema meta jarmu l-iskart biex isibu skips oħrajn.

4.2 Is-Sindku semma li hemm bżonn li jintlaħaq ftehim biex titpoġġa din l-iskip biex tkun ta servizz għar residenti. Is-Sur. Calleja semma li fejn kien propost isir l-iskip dan mhux qiegħed quddiem il-binjiet. Issemma wkoll li fejn hija proposta ssir din l-iskip mhux suppost li għandu jkun hemm problemi ta rwejjaħ.

4.3 Kien hemm qbil għalhekk biex din l-iskip titpoġġa fejn kien suġġerrit fil-petizzjoni li saret lir-residenti.

4.4 Is-Sur. Ellul semma li fejn kien hemm il-bandli ta' Ħal Farruġ hemm bżonn li jsiru tabelli biex in-nies ma jagħmlux barbeque fiż-żona b' riskju li jkun hemm xi ħruq. Huwa semma wkoll li anki qed ikun hemm nies li qed jidħlu bil-karozzi u jagħmlu toilet fil-bandli. Biex ma jidħlux karozzi huwa semma li hemm bżonn li jitwaħħlu bollards fl-entraturi.

4.5 Is-Sur. Calleja irrefera wkoll għal entratura oħra li tagħti għal bandli u li hemm bżonn li din tingħalaq.

4.6 Is-Sur. Ellul semma li hemm diversi siġar madwar Ħal Farruġ li għandhom bżonn jinżabru. Fost is-siġar huwa semma s-siġra tal-fikus li tinsab fi Triq l-Egrett Isfar. Huwa semma wkoll siġar oħra li jinsabu fil-bandli u fuq il-parti ta barra li jridu jinżabru.

4.7 Ic-chair person wieġeb li fuq din is-siġra huma diġa kienu rrapportaw lil kuntrattur konċernat biex jieħu ħsieb jiżborha. Is-Segretarju wieġeb ukoll li fuq is-siġar l-oħra kien diġa kellem lil kuntrattur.

4.8 Is-Segretarju qal li kien inħareġ it-tender biex isir il-proġett tal-Housing Estate ta' Ħal Farruġ u kien hemm biss offerta waħda li ġiet mitfugħa. L-offerta kienet miftuħa u anki ġiet diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali. Waqt il-laqgħa s-Segretarju ta dettalji fuq ix-xogħol li kien se jsir.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar Il-Ħamis 29 ta' Settembru 2011 fis-7.00 p.m.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

______________________ ______________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv